## Eżami Annwali ta' l-Iskejjel Primarji 2002

## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-Ħames Sena | MALTI (QARI) | Ħin: 15-il minuta |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** ______________

### A. Immarka (✓) taħt IVA jew LE (3 marki)

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-bidwi jkabbar il-ħxejjex fl-għalqa. | | |
| 2. | Jien nuża l-imqass biex inqasqas il-karti. | | |
| 3. | Il-pitirross huwa għasfur b'sidru aħmar. | | |
| 4. | Għandna nħammġu barra. | | |
| 5. | Fis-sajf nilbes xi kowt oħxon. | | |
| 6. | Il-qawsalla fiha ħafna kuluri. | | |

### B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri (3 marki)

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | L-ikħal u l-aħmar | | fl-isptar. |
| 2. | Fil-lezzjoni tal-P.E | | invenzjoni mill-aqwa. |
| 3. | Erfa' u sorr | | tgħidx kemm ħadna gost. |
| 4. | Mort nara lil ħabibti marida | | huma żewġ kuluri. |
| 5. | Il-kompjuter huwa | | il-firda. |
| 6. | Il-ġlied iġib | | għal meta tiġi bżonn. |

### Ċ. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx (3 marki)

1. Jannar, Frar, Settembru, Diċembru, is-Sibt
2. Il-Ħamrun, Il-Furjana, Marsalforn, Il-Birgu, L-Imsida
3. sptar, tabib, għalliem, avukat, perit
4. l-ewwel, ir-raba', ħamsa, is-sitta, is-seba'
5. larinġa, lanġasa, tuffieħa, pastarda, banana
6. kastell, ajruplan, vapur, karozza, mutur

**D. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba** **(3 marki)**

1. Ġimgħa fiha sebat (ifniek, ijiem, ibniet, isriep, iklieb).
2. (L-għalliem, Il-mekkanik, Id-dentist, It-tabib, Il-pustier) iwasslilna l-ittri.
3. Ġużeppi Calì kien (pittur, qassis, tabib, għalliem, dentist).
4. Mill-ħalib isir il-(ħass, ħut, ġobon, ħajt, ġibs).
5. It-tifel fetaħ (qalbu, siequ, idu, snienu, geddumu) u qal kollox lil ommu.
6. Il-mastrudaxxa qata' l-injam bis-(salib, serrieq, sadid, sufan, sodda).

**E. Ħdejn l-isem tal-kaxxa, ikteb in-numru ta' l-oġġett immarkat.**
**Ara l-eżempju.** **(3 marki)**

| | |
|---|---|
| **saqajn** | |
| **ġolġol** | |
| **kullar** | |
| **malju** | **1** |
| **xagħar** | |
| **denb** | |
| **imnieħer** | **5** |



**SKEJJEL PRIMARJI**

**EŻAMIJIET ANNWALI 2002**

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Skola ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.



# A. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijet:




"Int, bħalek, fejn taf li l-iljunfant hu l-iktar annimal li jara fil-bogħod?" staqsa Kaspru lil Mastru Gerfex. Kaspru kien jipprova jċekken u jwaqqa' kliem Mastru Gerfex. ***(para. 1)***

"Tajba din!" daħaklu x-xwejjaħ. L-iljunfant jara l-iktar fil-bogħod għax hu biss għandu t-tromba!" ***(para. 2)***

In-nies daħku u kien hemm ukoll min ċapċap. Kaspru ħass li hu kien ħareġ ta' ħmar, u nkiser. ***(para. 3)***

Ferfex, il-kelb ta' Mastru Gerfex kien aktar moħħu fil-qtates milli fl-iljunfanti. Kien għadu kif lemaħ qattus ħdejn il-vann tal-bejjiegħ tal-ħut. Bla ma ħasibha darbtejn Ferfex, telaq jiġri lejh b'kemm kellu saħħa. Il-kelb ġibed warajh lil Mastru Gerfex li kellu ċ-ċinga f'idu. ***(para. 4)***

Mastru Gerfex ipprova jirreżisti u jżomm il-kelb. Ix-xwejjaħ kien irqiq u ħafif rixa u l-kelb kellu saħħa ta' barri. ***(para. 5)***

Ferfex kompla jiġbed lil sidu warajh. Meta għaddieh minn ħdejn Peppi tal-Ħaxix, ix-xwejjaħ rifes tadama misjura li kienet waqgħet mill-kannestru. It-tadama nfaqgħet taħt ir-rifsa tax-xwejjaħ. Mastru Gerfex żelaq fuq it-tadama u ġie bilqiegħda fil-kannestru bit-tadam imgħaffeġ taħtu! ***(para. 6)***

Storja addattata minn ***F'Ħal Busbies ma' Mastru Gerfex*** ta' Carmel G. Cauchi.

1. Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba. **(2 marki)**
   a. Skond Mastru Gerfex, l-aktar annimal li jara fil-bogħod hu l-(iljun, iljunfant, ors, għasfur tal-bejt). ***(para. 1)***

   b. In-(nanniet, neputijiet, nies, namrati) daħku u ċapċpu. ***(para. 3)***

2. Immarka b'(✓) fil-kaxxa fejn it-tweġiba t-tajba: **(4 marki)**

a. Mastru Gerfex qal li l-iljunfant jara ħafna fil-bogħod għax għandu: ***(para. 2)***

i. għajnejn kbar ☐
ii. tromba ☐
iii. nuċċali ☐

b. Il-kelb ta' Mastru Gerfex kien jismu: ***(para. 4)***

i. Ferfex ☐
ii. Peppi ☐
iii. Kaspru ☐

ċ Mastru Gerfex kien: ***(para. 5)***

i. b'saħħtu daqs barri ☐
ii. oħxon daqs katuba ☐
iii. ħafif rixa ☐

d. Peppi kien bejjiegħ tal-: ***(para. 6)***

i. ħaxix ☐
ii. ħelu ☐
iii. qtates ☐

3. Wieġeb il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ: **(2 marki kull waħda)**

a. Għaliex Kaspru staqsa dik il-mistoqsija lil Gerfex? ***(para. 1)*** _______________

_______________________________________________________________

b. L-iljunfant jara ħafna fil-bogħod għax għandu tromba? ***(para. 2)*** ___________

_______________________________________________________________

ċ. Fiex kien moħħu Ferfex, il-kelb ta' Gerfex? ***(para. 4)*** _____________________

_______________________________________________________________

d. Ferfex lemaħ qattus. Fejn kien il-qattus? ***(para. 4)*** _______________________

_______________________________________________________________

e. X'kellu Mastru Gerfex f'idu? ***(para. 4)*** ________________________________

________________________________________________________________

f. Biex infaqgħet it-tadama? ***(para. 6)*** ____________________________________

________________________________________________________________

ġ. Kieku int kont hemm u rajt lil Mastru Gerfex ma' l-art fuq it-tadam, x'kont tagħmel? ____________________________________________________________

________________________________________________________________

4. Qabbel: **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a | iljunfant **(para. 1)** | | idjoma |
| b | " " ? **(para. 1)** | | verb fil-mamma |
| ċ | ħareġ **(para. 3)** | | nom proprju |
| d | Ferfex **(para. 4)** | | nom komuni |
| e | ħafif rixa **(para. 5)** | | punteġġjatura |

## B. Imla l-vojt bin-negattiv tal-verb mogħti: **(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ferfex ***<u>ma telaqx</u>*** jiġri. | telaq |
| 2. | Mastru Gerfex ______________________ jixtri. | ħareġ |
| 3. | Kaspru _______________________ kemm felaħ. | daħak |
| 4. | Gerfex ___________________ siequ bil-waqgħa. | barax |
| 5. | Il-kelb ta' Gerfex ________________________. | werwirna |
| 6. | Ferfex __________________________ jiġbed. | kompla |

## Ċ. Imla l-vojt kif  hemm mitlub fil-kolonna tal-ġenb: (10 marki)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | L- ______________________ jaraw ħafna. | Agħti l-**plural** ta' **iljunfant**. |
| 2. | Mastru Gerfex rifes ___________________ t-tadama. | Oħroġ nom minn **rifes**. |
| 3. | Gerfex kellu ċinga f'_________. | Agħti kelma oħra flok **l-id tiegħu**. |
| 4. | Ferfex il-kelb __________________ qattus. | Agħti kelma oħra (sinonima) li tfisser l-istess bħal **lemaħ**. |
| 5. | Il-basket kien _________________ ċomb. | Agħti l-kontra ta' **ħafif**. |
| 6. | L-għadajjar kienu ____________ qoxqox. | Agħti l-plural ta' **niexef**. |
| 7. | Sur Gerfex, darb'oħra, _______________ il-kelb sew! | Agħti l-**kmand/l-imperattiv** ta' **rabat**. |
| 8. | __________ issa ħadd ma jaf x'sar minnu l-kelb ta' Gerfex. | Qassar il-partiċella **sa** quddiem **issa**. |
| 9. | Gerfex għandu madwar ____________ sena. | Ikteb in-numru **70** fi kliem. |
| 10. | Ejja ________________ hawn ħa nkellmek. | Qassar **lil** quddiem **hawn**. |

## D. Daħħal l-artiklu quddiem dawn il-postijiet. (5 marki)



1. ________ Gudja u ________ Żejtun jinsabu fin-nofsinhar ta' Malta.
2. ________ Xlendi hu raħal tas-sajjieda, bħalma hu Marsaxlokk.
3. ________ Mdina u ________ Mtarfa jinsabu fuq għolja.

## E. Imla l-vojt bl-imperattiv tal-verb mogħti fil-ġenb: (5 marki)



1. Chris, **(ħareġ)** **<u>oħroġ</u>** il-ktieb tal-Malti u ibda aqra.
2. Tfal, **(daħal)** ________________ ġewwa għax sar il-ħin.
3. **(Telaq)** _______________ kollox minn idejkom.
4. Frans u Rita, **(firex)** ______________ s-sodda issa.
5. Pà, **(nefaħ)** _____________ it-tajer għax niżel.
6. **(Barax)** " ______________ l-ħajt għax ħa nbajduh," qal l-imgħallem lill-ħaddiema.

## F. Ikteb kliem flok numri: (10 marki)



1. L-iljunfant għandu **(2)** ______________ nejbiet kbar.
2. Għawdex hu magħruf bħala l-gżira ta' **(3)** ______________ għoljiet.
3. Missieri għandu **(30)** ______________ sena, filwaqt li ommi għandha **(27)** ___________________________.
4. Oħti għalqet **(18)** __________________ sena u ġabet il-liċenżja tas-sewqan.

5. **(100)** ______________ għal **(10)** _____________ jagħmlu **(1000)** _________________.
6. Il-kuġin ġie l- **(1)** _______________ fit-tiġrija.
7. Fl-iskola tagħna jattendu madwar **(400)** ______________ tifel u tifla.



## Ġ. Ikteb komponiment ta' mhux inqas minn 120 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti: **(25 marka)**

1. Ikteb djalogu bejnek u bejn sajjied.
2. Int kont sejjer/sejra l-iskola flimkien mal-ħabib/ħabiba tiegħek. F'tarf il-bankina sibtu kartiera mimlija flus. Ikteb x'għamiltu.
3. Ikteb storja li tispiċċa ………….. ***Kienet ġurnata li ma ninsa qatt għax minbarra li ħadt gost, tgħallimt ħafna affarijiet fuq art twelidi.***
4. Ikteb ittra lil zijuk li jinsab imsiefer, fejn tgħidlu kif se tqatta' l-vaganzi tas-Sajf.
5. Ġurnata ħdejn il-baħar. Jekk trid uża dawn l-istampi biex jgħinuk.

